MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2006

Numru 610/2005

**Il-Pulizija**
(Spettur Stephen Micallef)

**Vs**

Carl Bonnici

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Carl Bonnici karta ta' identita' numru 479478(M), mixli talli:

Fil-Gudja u f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Gunju, 2005 ghall-habta tal-11:30 a.m. u matul dawn l-ahhar xhur, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu

gew iffurmati, inkellha billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess jum, lok, jum u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-Art. 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan bi ksur tal-Art. 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fil-11 ta’ Gunju, 2005 ghal habta tal-11:30 a.m. fil-Gudja u f’dawn il-Gzejjer, ghamel uzu minn numru ta’ identifikazzjoni xort’ohra minn dak moghti mill-Pulizija jew mill-Awtorita’ dwar xi vettura partikolari bi ksur ta’ Art. 15 (1A) Kap 65.

Fl-imsemmija data, lok u cirkostanzi saq mutur tal-ghamla “Scrambler KTM’ minghajr ma kien registrat ma’ l-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta, bi ksur ta’ Art. 3 L.N. 476/2004.

Saq l-imsemmi mutur tal-ghamla ‘Scrambler KTM’ minghajr ma kien licenzjat ma’ l-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta biex jintuza fit-triq bil-ksur ta’ l-Art. 15(1)(a) Kap 65.

Saq l-imsemmi mutur tal-ghamla ‘Scrambler KTM’ minghajr ma kien kopert b’Polza tas-sigurta’ dwar ir-riskji tat-terzi persuni bi ksur ta’ Art. 3(1) Kap 104.

Saq l-imsemmi mutur tal-ghamla ‘Scrambler KTM’ minghajr il-mera li turi wara bi ksur ta’ Reg. 95 L.N. 128/94.

Saq l-imsemmi mutur tal-ghamla ‘Scrambler KTM’ minghajr dawl bi ksur ta’ Reg. 97-103 L.N. 128/94.

Saq l-imsemmi mutur tal-ghamla ‘Scrambler KTM’ minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta jew minghajr licenzja specifikata biex isuq l-imsemmi mutur, b’hekk ma kienx kopert b’Polza tas-

sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni, bi ksur ta' Art. 15(1)(a) Kap 65, Sec. 3(1) Kap. 104.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet l-imputat jammetti l-akkuzi kontrih dedotti fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Il-falsifikazzjoni hija l-pern tal-akkuzi dedotti kontra l-imputat u l-akkuzi l-ohra huma segwitu ghaliha.

L-imputat irregistra ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni l-Qorti qeghdha issibu hati. Rat l-artikoli 183, u 184 tal-Kap 9, l-artikolu 15(1)(A) tal-Kap 65, l-artikolu 3(1) tal-Kap 104, l-Avviz Legali 476/2004 u l-Avviz Legali 128/1994 u tikkundannah multa komplessiva ta' Lm1000 li tikkoncedi lill-imputat li jhallas b'rati mensili ta' Lm30 fix-xahar, bl-ewwel pagament fl-ahhar ta' April, 2006 u b'pagamenti konsekuttivi u ininterrotti ta' Lm30 kull l-ahhar ta' kull xahar sussegwenti bid-dekadenza fin-nuqqas konvertibbli fi tlett xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------